MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 23 ta' Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**

**vs**

**Rankin Abela**
**(ID: 262498M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Rankin Abela** li ġie mressaq quddiemha akkużat talli nhar il-21 ta' Settembru 2020 u fil-ġimgħat ta' qabel din id-data, f'dawn il-gżejjer:

1. Inġurja jew hedded Imħallef jew Avukat Ġenerali jew Maġistrat jew ġurat, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel id-dmirijiet tiegħu, bil-ħsieb li jbeżża', inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-karigu tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess ċirkostanzi uża kliem jew imġiba ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew esebixxa xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibgħeda jew vjolenza razzjali jew reliġjuża kontra persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur,

lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali jew reliġjuża;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, liema ammissjoni ġiet rikonfermata wara li l-Qorti wissietu dwar il-pieni li jġorru magħhom kull waħda mill-imputazzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti, issib li l-imputazzjonijiet kollha ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti tħoss li fiċ-ċirkostanzi l-iktar ħaġa impellenti f'dan il-każ huwa li l-imputat jieħu t-trattament neċessarju sabiex jikkontrolla l-aġir tiegħu. Huwa importanti wkoll illi l-piena inflitta twassal lill-imputat jifhem li dak li għamel hija xi ħaġa serja u li ma tistax tiġi ripetuta. Fil-fehma tal-Qorti, l-imputat għandu jiġi ggwidat minn persuna professjonali sabiex ma jerġax jirrepeti l-aġir tiegħu li wasslu f'tant inkwiet u li kien kaġun ta' tant inkwiet ieħor għall-familja tiegħu.

Hija l-fehma ta' din il-Qorti illi jista' jinħoloq bilanċ bejn l-interessi tal-imputat u dawk tas-soċjetà inġenerali billi l-imputat jitpoġġa taħt is-superviżjoni ta' Uffiċjal tal-Probation li jiggwidah u jgħinu jifhem kif jitratta ma' ċerti sitwazzjonijiet u kif, jekk għandu xi opinjonijiet dwar materji diversi, huwa jista' jesprimi ruħu b'mod li ma jwettaqx ir-reati li wettaq. Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti se tkun qiegħda toħroġ Ordni ta' Probation

fil-perjodu massimu tagħha, se tpoġġi wkoll lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament.

**DECIDE**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 82A u 93 (1) tal-Kodiċi Kriminali u 49 (c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiddikjara lill-imputat **Rankin Abela** ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3500) u ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation** għal żmien tliet (3) snin mil-lum u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre, l-Qorti, qiegħda tordna li **Rankin Abela** jitpoġġa taħt **Ordni ta' Trattament** għal żmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-ħati u x'jiġri jekk huwa ma joqgħodx għall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation jew tal-Ordni ta' Trattament jew jekk jikkommetti reat ieħor fi żmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment, fuq talba tad-difiża, il-Qorti qiegħda tikkonċedi lill-ħati li jħallas il-multa ta' tlett elef u ħames mitt ewro (€3500) f'rati mensili ta' mitt ewro (€100) bl-ewwel pagament ikun mhux iktar tard mit-30 ta' Ottubru 2020. Il-Qorti wissiet lill-ħati li jekk huwa jonqos milli jħallas xi pagament, il-bilanċ sħiħ jiġi dovut u jiġi konvertit f'jum priġunerija għal kull ħamsa u tletin ewro (€35).

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur